**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

Mikail-Sam Mifsud

vs

Il-Kummissarju tal-Pulizija

Illum, 20 ta' Settembru 2022

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrent Mikhail-Sam Mifsud intavolat nhar 19 t'Awwissu 2022 li jikkontjeni s-segwenti:

*'Illi permezz ta' rikors ta' sfida tat-8 ta' Ġunju 2022 intavolat ai termini tal-Artikolu 541 (1) tal-Kap. 9 l-esponenti talab lil l- Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tordna lill-appellat Kummissarju tal-Pulizija jieħu l-passi legali opportuni fi żmien qasir u perentorju kontra l-persuna li għamlet rapport/denunzja falza fil-konfront tiegħu.*

*Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 t'Awissu 2022 din it-talba tal-esponenti ġiet miċħuda.*

*Illi l-esponenti ħassu agravat minn dina s-sentenza u għalhekk qed jinterponi dan l-umili appell minnha.*

*Illi il-fatti fil-qosor jikkonsistu f'dak li sejjer jingħad:*

1. *Illi nhar l-1 ta' Ġunju 2021 l-ispettur Josef Gauci ta ordni sabiex issir tfittxija fuq il-propjeta tal-esponenti mingħajr il-ħruġ ta' Mandat opportun u dan wara li irċieva informazzjoni mingħand il-kuntistabbli PC1070 li kienet qed tinġar sustanza illeċita f'trakk propjeta tal-istess appellanti.*
2. *Illi t-tfitxxija saret immedjatament mil-pulizija eżekuttiva fejn irriżultat fin-negattiv. Tajjeb li jingħad li din it-tfitxxija t-tfittxija saret minn numru konsiderevoli ta' pulizija li waslu fuq il-post (li huwa l-post tan-negozju tal-appellanti) b'bosta vetturi bil-beacon lights mixgħula. Dan ħalla impressjoni fuq il-pubbliku a detriment tan-negozju tiegħu li saħansitra waslet sabiex sid il-kera wasal sabiex jieqaf jippresta s-servizzi li kien joffri lill-esponenti u jiddeċiedi li jittenta jittermina l-kirja viġenti kif ukoll li ma jġeddidx il-kirja f'każ li t-terminazzjoni immedjata ma tkunx legalment possibbli. Din it-tfitxxija ħalliet trawma fuq il-mittenti u fuq il-ġenituri tiegħu tant li missier l-esponenti iddaħħal jagħmel intervent f'qalbu.*
3. *Illi sussegwentament l-esponenti talab lill-Pulizija Eżekuttiva jaġixxu kontra min intavola r-rapport falz, liema talba ġiet miċħuda.*
4. *Sussegwentament l-esponenti intavola r-rikors ta' sfida mertu ta' dan l-appell.*

*Illi l-aggavju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

***<u>L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta inġustament ikkonkludiet li l-azzjoni tal-appellant ma tistax tirnexxi:</u>***

1. *Illi l-appellanti umilment jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta abbraċċat l-eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat li persuna li titlob li tibqa' anonima ma tistax tiġi proċessata f'każ li jirriżulta li l-informazzjoni provduta minnha kienet waħda falza. Id-dritt għall-kunfidenzjalita ma huwiex wieħed assolut u huwa suġġett għal numru ta' rekwiżiti inkluż li l-informazzjoni ma tkunx falza.*

*Din hija deċiżjoni ħażina u perikoluża u dan peress li sejra tiftaħ il-bibien għall-abbuż fejn xi ħadd biex ipattija u jagħmel ħsara lil xi ħadd ieħor jagħmel rapport falz u jiddikjara li jixtieq jibqa' anonimu – kif ġara fil-każ odjern. Jiġi rilevat illi l-mod ta' kif sar ir-rapport wassal sabiex il-Pulizija Eżekuttiva taqbeż kompletament l-istitut tal-Mandati. B'hekk fil-każ odjern ma kien hemm ebda salvagwardji da parti tal-Qorti sabiex tassigura li d-drittijiet tal-appellant ma jiġux mittiefsa u t-tfittxija tkun waħda legali.*

*Kullħadd huwa responsabbli għall-emilu u persuna ma tistax tippretendi li tgħaddi informazzjoni mingħajr ma terfa' responsabbilta f'każ li din tkun manifestament falza.*

*Mil-banda l-oħra l-appellanti jaqbel perfettament illi li kieku informazzjoni mogħtija b'mod kunfidenzjali tkun waħda veritiera u twassal sabiex jiġi skopert reat, l-individwu li jkun provdi din l-informazzjoni jingħata l-protezzjoni kollha inkluż li jibqa' anonimu.*

2. *L-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat ukoll meta ikkonkludiet li l-azzjoni ma tistax titmexxa stante li l-individwu għażel li jibqa' anonimu. Mil-provi prodotti irriżulta li meta l-ispettur Josef Gauci talab lill-PC 1070 jipprovdilu l-informazzjoni dwar min ta l-informazzjoni, l-istess kuntistabbli irrifjuta li jagħmel dan u infurmah li ma kinx sejjer jikxef lis-*

*sors tiegħu (ara xhieda tal-ispettur Gauci). L-appellanti jinsab żbalordit kif kuntistabbli jista' jirrifjuta ordni ta' din in-natura mogħtija mis-superjuri tiegħu.*

*Mil-banda l-oħra fix-xhieda tiegħu l-kuntistabbli jgħid li ma jafx min għaddilu l-informazzjoni. Huwa evidenti li jew l-ispettur jew il-kuntistabbli taw xhieda falza taħt ġurament. L-esponenti m'għandux dubju li l-ispettur kien veritier f'dak li xehed.*

*Ta' min jiġi osservat li fix-xhieda tal-kuntistabbli huwa jikkonferma li kien f'negozju privat mal-appellanti li kien jinvolvi xi bhejjem. L-appellant sa dakinhar stess tat-tfittxija kien qed jiġri wara dan il-kuntistabbli sabiex jgħaddilu ħlasijiet dovuti favur tiegħu. B'hekk huwa evidenti li l-kuntistabbli kellu ħafna x'jigwadanja bit-tfittxija u li l-istess tfittxija kienet waħda konvenjenti.*

*L-appellanti umilment jissottometti illi t-talba tal-appellanti li saret lill-Pulizija Eżekuttiva ma kelliex tittieħed b'mod leġġer iżda l-istess Pulizija Eżekuttiva kellha l-obbligu li tinvestiga fid-dettal u jekk jirriżultala li s-sors tal-informazzjoni kien biss dan il-kuntistabbli u li ma kien hemm ebda terz involut (kif icto oculi jidher li ġara), tistitwixxi proċeduri fil-konfront tiegħu.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-appellant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-10 t'Awissu 2022 in kwantu ċaħdet it-talbiet tal-appellant fir-rikors tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2022 u minflokk tgħaddi sabiex tilqa' l-istess talbiet.'*

Rat id-digriet taghha datat 5 ta' Settembru 2022 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh nhar it-13 ta' Settembru 2022.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tar-rikorrent kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali ghat-talba tar-rikorrent u dan fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2022.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-partijiet li r-rikors jigi trattat fil-Qorti Kriminali ta' Malta.

**Ikkunsidrat,**

Dan hu provvediment wara r-rikors ta' Mikhail-Sam Mifsud li permezz tieghu qed jappella, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn it-talba tieghu giet michuda.

Din il-procedura mgharufa bhala '*challenge*' saret fit-termini tal-artikolu 541 (1) tal-Kodici Kriminali u li jipprovdi is-segwenti:

> *'Jekk fil-kazijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Ezekuttiva, din ma tkunx trid tagixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun ghamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Magistrati li jigi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proceduri mehtiega; u jekk il-qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela, ghandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-registratur, lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-ordni li taghti ghaldaqshekk:'*

Id-digriet fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**[1] il-procedura "*tac-challenge*" giet ddiskrevata bhala procedura straordinarja u l-Qorti ghamlet referenza ghad-digriet fl-ismijiet **Joseph Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija**[2] fejn intqal hekk:

> *'Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-challenge - li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata - trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.*
>
> *L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il- 4 kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-*

[1] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 2015.
[2] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Novembru, 2003.

*isem tekniku tiegħu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il-kwerelant jitlob li jittiehdu passi.'*

**Ikkunsdirat,**

Bl-azzjoni tac-*challenge* ghalhekk irid jigi determinat allura jekk *prima facie* jirrizultax ir-reat li persuna ghamlet rapport/denunzja falza fil-konfront tar-rikorrent. L-Ewwel Qorti ghamlet refernza ghall-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

*101. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) il-piena ta' priġunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għallpiena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn;*
*(b) il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa disa' xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għall-piena mhux akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, iżda li ma jaqax taħt il-pieni talkontravvenzjonijiet;*

*(ċ) il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta' kull reat ieħor.*

Ghalkemm ir-rikorrent ma specifikax fiz-zewg rikorsi tieghu, l-Artikolu tal-Ligi li fuqu qed jibbaza t-talba tieghu, l-Artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali u dan *stante* li min irraporta lill-pulizija specifika n-*number plate* tal-karozza tar-rikorrent.

F'dan il-punt il-Qorti taghmel referenza gahs-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini**[3] fejn saret referenza ghal dak li jirritjeni l-Professur Mamo fit-Tieni Parti ta' Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 (a fol 60):

> *"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it....... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not therefore the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged...... The simulation may be either verbal or direct or real and indirect. The former must consist in a denunciation, that is an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information or report or complaint; so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it....* ***Finally, the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation....*** *A real or indirect simulation would be had in the case of a person who, in order to make believe that he is a victim of a crime, creates traces of the offence in order to give an appearance of reality to the simulated crime, in such a manner as to cause the Police to further investigations and the*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Settembru, 2019.

*enquiry of the in genere leading to the discovery of the author of the supposed crime.'*

Ghalhekk din il-Qorti tkompli sabiex tghid illi l-elementi komulattivi tar-reat hekk kif stipulati fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali huma s-segwenti:

1. Li persuna trid taghmel hsara lil persuna ohra
2. Li dik il-persuna takkuza lil dik l-istess persuna b'reat
3. Quddiem awtorita kompetenti
4. U dan meta dik il-persuna tkun taf li lill-min qed tiddenunzja hija persuna innocenti
5. Jaghmel din id-denunzja ghas-sempplici fatt biex jakkuzaha

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Seychell**[4] fejn gie ritenut li fir-reat ta' kalunja:

> *'L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita' partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita' kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti (jew tghaddi l-kaz li haddiehor biex dan eventwalment tressaq il-Qorti) lil dik il-persuna li tkun allegament ikkommettiet dak ir-reat.'*

Ghaldaqstant, kif diga gie ritenut *supra*, issa l-Qorti trid tara jekk *prima facie* jirrizultawx l-elementi hawn fuq elenkati li isawwru ir-reat li persuna ghamlet rapport/denunzja falza fil-konfront tar-rikorrent. Fir-rigward tal-*prima facie*, din

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru 1997.

il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet fl-ismijiet **Anthony Xuereb vs l-Kummissarju tal-Pulizija**[5] fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *'Fil-kors tat-trattazzjoni saru diversi sottomissjonijiet mill-partijiet dwar it-tifsira tal-prova **prima facie w jidher illi l-aktar hsieb komuni huwa dak illi din il-prova titwassal sal-grad tal-probabilita' kif normalment tezigi kawza civili.***
>
> *Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa **anqas minn dak ta' probabilita'** w taghmel referenza ghall-awtur **Blackstone** (at D6.21) meta jghid **"thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."***
>
> *Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*
>
> *Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, **lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet ( fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.***

[5] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2010.

*Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence)* ***<u>izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.</u>***

***Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa <u>possibbli jew suspettuz.</u>***[6] *Fil-fatt f'R. Vs Codan Qorti Kanadiza meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant is committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skond hu, lprima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings".*

***<u>Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex ilgrad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla.'</u>***

[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti wara li fliet l-atti kollha, temmen illi l-fatti *in breve* kienu illi l-pulizija agixxiet fuq rapport anonimu u li l-pulizija mhux obbligati li jizvelaw l-isem ta' min ikun ghaddilhom l-informazzjoni. Tali informazzjoni kienet illi fuq il-vettura tar-rikorrent kien hemm xi droga w li wara li saru t-tfittxijiet necessarji, dawn irrizultaw fin-negattiv. Il-konsegwenzi ta' dan kollu kienu sfortunati u dan ghaliex missier r-rikorrent spicca l-isptar u sid il-kera temm il-kuntratt tal-kera tal-hanut li kellu mal-istess rikorrent. Din il-Qorti tifhem u tirrispetta l-individwi li jghaddu l-informazzjoni lill-pulizija w l-anonimita' taghhom, madankollu tenfasizza illi mhux accettabbli li kuntistabbli bhal PC1070 Florian Farrugia jixhed quddiem l-Ewwel Qorti u jtenni li ma jiftakarx certu dettalji mportanti bhal x'hin kienet it-telefonata li wasslitlu l-informazzjoni w jekk din wasslitlux l-ghassa jew fuq il-mobile! Huwa minnu li l-proceduri quddiem il-Qrati f'certi cirkostanzi jiehdu l-hin taghhom u huwa ghalhekk mportanti li jittiehdu n-notamenti necessarji mill-pulizija nvoluta dwar il-kazijiet li jkollhom. Illli din il-Qorti ma thossx li l-pulizija PC 1070 kien veritier f'dak li qal that gurament u Evita b'mod intnzjonali li ighati risposta ghal certu mitoqsijeit li saru lilu. Jirrizulta pero li l-pulizija PC 1070 kellu negozju mar-rikorrenti u ghalhekk dan il-fatt ghandu jigi mgharraf lill-kummissaru tal-pulizija stante li setgha kellu konflitt fl-interess fl-investigazzjoni ta dan il-kaz.

In vista ta' dak kollu ritenut *supra*, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbieghed mir-ragjonament milhuq mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex ma tistax tallokka l-grad ta' *prima facie* ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz u ghalhekk qeghda tichad it-talba tar-rikorrent.

Din il-Qorti tordna illi dan id-digriet jigi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tar-Registratur tal-Qorti sabiex jigi zgurat illi f'cirkustanzi simili ikun hemm aktar responsabbilta' u diligenza *da parte l*-pulizija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Nadia Ciappara

Deputat Registratur